**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Frar 2018**

**Talba Nru: 418/17 CZ**

**GO plc**

**vs.**

**Emilio Giorgio Perotti Casagrande**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-1 ta' Settembru 2017 li biha premettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' seba' mija u sebgħa u tmenin Euro

u tlieta w erbgħin ċenteżmu (€787.43) in konnessjoni ma’ servizzi ta’ komunikazzjoni mogħtija mis-soċjeta’ attriċi lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40481109.

Illi għalkemm interpellat diversi drabi sabiex jgħaddi għal ħlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Bl-ispejjeż u drittijiet, u kif ukoll bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata tar-rikors preżenti sad-data tal-ħlas effettiv.

Illi l-konvenut, debitament notifikata, prezentat risposta fit-12 ta’ Settembru 2016.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra n-nota ta’ riduzzjoni prezentata fid-29 ta’ Jannar 2018 li permezz taghha l-ammont mitlub gie mnaqqas ghal seba’ mija u sebgha u tleint Euro u tlieta w erbghin centezmu (€737.43).

Ra n-nota ta’ riduzzjoni prezentata fis-7 ta’ Frar 2018 li permezz taghha l-ammont mitlub gie mnaqqas ghal sitt mija u tnax-il Euro u tlieta u erbghin centezmu (€612.43).

Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Frar 2018 fejn il-konvenut ammetta t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta, u talbu lit-Tribunal jghaddi ghal sentenza a bazi ta' dak verbalizzat f'dik l-istess seduta.

**Ikkunsidra;**

Illi kif ġie dikjarat mill-qrati nostrani, "it-transazzjoni għandha żewġ elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-oħra; l-ewwel wieħed hu d-dubju, li minnu jridu joħorġu l-partijiet billi jirriżolvuh huma stess minflok iħallu d-deċiżjoni fuqu għall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattiċi jsejħu l-"hinc inde remissum", ċjoè il-konċessjoni jew sagrifiċċju reċiproku" (Kollez. Vol. XLIII.i.418). It-transazzjoni "għandha l-effett ta' sentenza li tgħaddi f'ġudikat u għalhekk it-tranzazzjoni hi parifikata għal sentenza (Kollez. Vol. XXXIV.iii.900).

Illi permezz tal-verbal fuq imsemmi, il-partjiet ghazlu li minflok jifformalizzaw it-tranzazzjoni permezz ta' ftehim bejniethom, tigi formalizzata permezz tas-sentenza ta' dan it-Tribunal. It-Tribunal, kunsidrat il-qbil li hemm bejn il-partijiet, ma jistax hlief jifformalizza l-ftehim milhuq bejniethom, u ma jista' jnaqqas jew izid xejn minnu.

**Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u dan billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tnax-il Euro u tlieta u erbghin centezmu (€612.43), li ghandhom jithallsu permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin Euro (€50) li ghandhom jibdew jithallsu fl-ewwel (1) jum ta' kull xahar, bl-ewwel pagament isir ghalhekk fl-1 ta' Marzu 2018. Jekk il-konvenut jonqos milli jhallas skadenza wahda, jitlef il-beneficcju tat-terminu, u l-bilanc isir dovut minnufih. Il-konvenut ghandu jhallas l-imghax fuq is-somma hawn fuq imsemmija, u dan sa mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna.**

**L-imghax jibqa' jithallas fuq kull bilanc talvolta dovut sakem jinqata' l-ammont shih dovut. L-ispejjez u drittijiet f'din il-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut.**

**Avukat Dr. Claudio Zammit**
**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur